A.L. 72 ta' l-1997

ATT TA' L-1997 DWAR SELF LOKALI (ATT NRU. VI TA' L-1997)

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi għall-Ħruġ ta' Lm24,500,000 addizzjonali 7.8% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2012 (L-EWWEL ĦRUĠ)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Att ta' l-1997 dwar Self Lokali u bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, minħabba li kien hemm applikazzjonijiet iktar milli kien hemm *Stock*, il-Ministru tal-Finanzi awtorizza l-ħruġ addizzjonali ta' Lm24,500,000 7.8% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2012 (I) mal-Lm10,000,000 7.8% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2012 (I) maħruġin permezz ta' l-Avviż Legali Nru. 55 ta' l-1997 ippubblikat fit-2 ta' Mejju, 1997, bl-istess kundizzjonijiet, sabiex b'hekk l-ammont totali ta' 7.8% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2012 (I) ikun ta' Lm34,500,000. Skond u għall-finijiet ta' paragrafu 5 ta' l-istess Avviż Legali il-kontribuzzjoni fil-Fond ta' Ammortizzament tiżdied minn Lm100,000 għall-Lm345,000 kull sitt xhur. L-applikazzjonijiet kollha li waslu sad-data ta' l-għeluq 17 ta' Mejju, 1997 b'hekk ser jiġu milqugħa.